**MINUTI**

**GVERN LOKALI TA' XBIEX**

IS-SITT LEĠISLATURA  2008 - 2011

**SEDUTA NUMRU 10 AĠĠORNAMENT**

IT-TLIETA 2 TA' ĠUNJU 2009 FIL-5.00 TA' WARA NOFS-IN-NHAR.

**PRE|ENTI**

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VIĊI SINDKU |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |

**SKU|AT**

| | |
|---|---|
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

Qabel ma bdiet is-Seduta il-Kunsill iltaqa' mal-*Accountant* u ddiskuta l-*Annual Financial Report* liema dokument kien ġie ċċirkulat minn qabel lill-Kunsilliera. Is- Sur P. Mangion ta spjegazzjoni ddettaljata tar-rapport u wieġeb il- mistoqsijiet tal-Kunsilliera. Huwa rrapporta wkoll li, kieku l-Kunsill ma kellux dħul sostanzjali apparti l-allokazzjoni finanzjarja, din is-sena kienet tispiċċa b'defecit. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li l-*Accountant* jagħmel rapport dwar is-sitwazzjoni finanzjarja ta' dawn l-aħħar 5 snin u għas-snin li ġejjien.

**Is-Seduta bdiet fis-6.00pm**

## I APPROVAZZJONI TAL-FINANCIAL STATEMENTS

**i** Is-Sindku pproponiet li l-*Financial Statements* jiġu approvati. Il- Kunsillier A Cachia Castelletti ssekonda. Dawn ġew approvati unanimament.

Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti talab sospensjoni ta' l-aġenda biex tiġi diskussa l-mozzjoni b'urġenza. Il-Kunsillier E. Muscat issekonda. Is-Sindku qalet li fil-laqgħa preċedenti din ma gietx diskussa peress li l-Kunsillier A.Cachia Castelletti kien skużat. Għaldaqstant hija sostniet li, peress li f'din il-laqgħa l-Kunsillier F. Roe ġie skużat milli jattendi, din għandha tiġi diskussa darba'oħra. Hija qalet ukoll li lesta terġa' issejjaħ laqgħa għada jekk kulħadd jista' jattendi. Ġie stabbilit li l-Kunsillieri kollha setgħu jattendu għalhekk il-laqgħa ġiet aġġornata.

**Il-Laqgħa spiċċat fis-6.30pm u sar aġġornament għal nhar l-Erbgħa 3 ta' Ġunju fis-1.30pm**

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv